PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

2008/0062(COD)

1.7.2008

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar li tiffaċilita l-infurzar transkonfinali fil-qasam tas-sikurezza fit-toroq
(COM(2008)0151 – C6-0149/2008 – 2008/0062(COD))

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Rapporteur: Inés Ayala Sender

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**I	Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***	Proċedura ta' kunsens *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
***I	Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
***II	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija u korsiva.*** Fil-każ ta' atti li jemendaw, il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-Kummissjoni ma tkunx emendat, huma indikati b'tipa **qawwija**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...]. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .**Error! Bookmark not defined.**

EXPOSÉ DES MOTIFS .....**Error! Bookmark not defined.**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar li tiffaċilita l-infurzar transkonfinali fil-qasam tas-sikurezza fit-toroq
(COM(2008)0151 – C6-0149/2008 – 2008/0062(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2008)0151),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2), u l-Artikolu 71(1)(c) tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0149/2008),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0000/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Emenda 1

Proposta għal direttiva
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Is-sistema għandha tkopri u tittratta t-tipi ta' reat tat-traffiku skond is-serjetà tagħhom u l-periklu li joħolqu għas-sikurezza fit-toroq, u għandha tkopri r-reati klassifikati bħala reati tat-traffiku fil-leġiżlazzjoni ta' kull Stat Membru. Għaldaqstant, jixraq li ssir dispożizzjoni fir-rigward ta' l-eċċess ta' veloċità, is-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb, in-nuqqas ta' użu taċ-ċinturin tas-sikurezza, u l-qbiż tad-dawl l-aħmar. Il-Kummissjoni ser tkompli ssewgi l-iżviluppi madwar l-	(5) Is-sistema għandha tkopri u tittratta t-tipi ta' reat tat-traffiku skond is-serjetà tagħhom u l-periklu li joħolqu għas-sikurezza fit-toroq, u għandha tkopri r-reati klassifikati bħala reati tat-traffiku fil-leġiżlazzjoni ta' kull Stat Membru. Għaldaqstant, jixraq li ssir dispożizzjoni fir-rigward ta' l-eċċess ta' veloċità, is-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb, in-nuqqas ta' użu taċ-ċinturin tas-sikurezza, u l-qbiż tad-dawl l-aħmar. Il-Kummissjoni ser tkompli ssewgi l-iżviluppi madwar l-

UE fir-rigward ta' reati oħra tat-traffiku b'implikazzjonijiet serji għas-sikurezza fit-toroq, u fejn ikun xieraq, ser tikkunsidra tipproponix reviżjoni tad-Direttiva bil-għan li tiġbor dawk ir-reati fl-ambitu tagħha; pereżempju, is-sewqan taħt l-effett tad-drogi, l-użu tat-telefown ċellulari waqt is-sewqan, ***u s-sewqan*** mhux assigurat.	UE fir-rigward ta reati oħra tat-traffiku b'implikazzjonijiet serji għas-sikurezza fit-toroq, u fejn ikun xieraq, ser tikkunsidra tipproponix ***mill-iktar fis possibbli*** reviżjoni tad-Direttiva***, u dan wara rapport dwar l-implimentazzjoni tad-direttiva,*** bil-għan li tiġbor dawk ir-reati fl-ambitu tagħha; pereżempju, is-sewqan taħt l-effett tad-drogi, l-użu tat-telefown ċellulari waqt is-sewqan***, is-sewqan*** mhux assigurat ***u s-sewqan mingħajr permess tas-sewqan***.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Id-direttiva għandha tkun tista' tiġi reveduta fiż-żmien mezzan sabiex jiġu inklużi tipi ġodda ta' ksur, bħas-sewqan taħt l-influwenza tad-droga jew is-sewqan mingħajr permess tas-sewqan. Biex isir dan, il-Kummissjoni Ewropea għandha tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni tad-direttiva.

Emenda 2

Proposta għal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Sabiex tiġi żgurata l-effiċjenza tas-sistema ta' infurzar, din għandha tkopri l-fażijiet kollha mid-detezzjoni tar-reat sat-trażmissjoni tan-notifika tar-reat, abbażi ta' formola standard, lid-detenetur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura kkonċernata. Malli tittieħed deċiżjoni finali, għandha tapplika d-Deċiżjoni *Kwadru* tal-Kunsill 2005/214/ĠAI dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' penalitajiet finanzjarji.	(6) Sabiex tiġi żgurata l-effiċjenza tas-sistema ta' infurzar, din għandha tkopri l-fażijiet kollha mid-detezzjoni tar-reat sat-trażmissjoni tan-notifika tar-reat, abbażi ta' formola standard, lid-detenetur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura kkonċernata. Malli tittieħed deċiżjoni finali, għandha tapplika d-Deċiżjoni *Qafas* tal-Kunsill 2005/214/ĠAI dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' penalitajiet finanzjarji. ***Fil-każ fejn id-Deċiżjoni Qafas 2005/214/ĠAI ma tkunx tista' tiġi applikata fl-Istati Membri fejn id-deċiżjonijiet ta' sanzjoni ma jirriżultawx minn ksur kriminali, l-effettività tas-sanzjonijiet madankollu għandha tkun garantita permezz ta' miżuri oħra ta'***

twettiq tas-sanzjonijiet.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

L-effettività tas-sanzjonijiet trasmessi bejn l-Istati Membri hija garantita permezz tad-Deċiżjoni Qafas 2005/214/ĠAI għad-deċiżjonijiet li jirriżultaw minn ksur kriminali. Imma peress li din id-deċiżjoni ma tkoprix il-ksur kollu li jseħħ fl-Unjoni Ewropea għandhom jiġu applikati modi oħra ta' applikazzjoni tas-sanzjoni sabiex jikkumplimentaw id-Deċiżjoni Qafas, b'mod partikulari meta s-sanzjonijiet jiġu deċiżi b'mod amministrattiv.

Emenda 3

Proposta għal direttiva
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(8) Billi d-dejta marbuta ma' l-identifikazzjoni ta' min jikkommetti reat hija dejta personali, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw il-konformità mad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta.	(8) Billi d-dejta marbuta ma' l-identifikazzjoni ta' min jikkommetti reat hija dejta personali, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw il-konformità mad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta. ***Min jikkommetti reat għandu hu nnifsu jkun infurmat b'mod xieraq waqt it-trażmissjoni tan-notifika tar-reat tad-drittijiet tiegħu għall-aċċess, għar-rettifika u għat-tħassir tad-dejta tiegħu.***

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Għandhom jingħataw garanziji ta' informazzjoni lil min jikkommetti reat waqt it-trażmissjoni tan-notifika tar-reat tad-drittijiet tiegħu għall-aċċess, għar- rettifika u għat-tħassir tad-dejta tiegħu.

Emenda 4

Proposta għal direttiva
Premessa 8 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Id-dejta miġbura fil-qafas ta' din id-direttiva, barra l-karattru temporanju tal-ħażna tagħha, fl-ebda każ m'għandha tintuża għal raġunijiet barra dawk li jippermettu s-segwitu tal-ksur lis-sigurtà tat-toroq. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għal dan il-għan għandhom jiggarantixxu li n-netwerk elettroniku Komunitarju li jippermetti l-iskambju ta' informazzjoni fl-ebda każ ma jkun permeabbli lejn netwerks maħluqa bl-għan tas-segwitu ta' objettivi oħra.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Il-garanziji fl-ipproċessar tad-dejta personali u tal-ġestjoni tan-netwerk elettroniku Komunitarju għandhom jippermettu li jkun evitat li d-dejta miġbura tintuża għal raġunijiet barra dawn tas-sigurtà tat-toroq.

Emenda 5

Proposta għal direttiva
Premessa 10 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Fil-qasam tal-kontroll tat-toroq, l-Istati Membri għandhom jarmonizzaw il-metodi tagħhom sabiex il-prattiki tagħhom ikunu jistgħu jiġu mqabbla bejniethom fl-iskala ta' l-Unjoni. Għalhekk, għandhom jiġu promossi prattiki minimi ta' kontroll f'kull Stat Membru.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Il-prattiki fil-qasam tal-kontroll tas-sigurtà tat-toroq għandhom jiġu armonizzati bejn l-Istati Membri sabiex tinkiseb koordinazzjoni aħjar tal-politiki fil-qasam fl-iskala Ewropea.

Emenda 6

Proposta għal direttiva
Premessa 10 b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10b) It-tagħmir tekniku tal-kontroll tat-toroq għandu wkoll ikun armonizzat fil-futur sabiex tkun żgurata l-konverġenza tal-miżuri ta' kontroll bejn l-Istati Membri. Armonizzazzjoni teknika ta' dan it-tip għandha tkun proposta mill-Kummissjoni waqt ir-reviżjoni prevista fl-Artikolu 8a.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tagħmel proposti, waqt it-tħejjija tar-rapport tagħha dwar l-implimentazzjoni tad-direttiva, bl-għan li t-tagħmir użat fil-qasam tas-sigurtà tat-toroq ikun normalizzat fl-iskala Ewropea.

Emenda 7

Proposta għal direttiva
Premessa 11 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) Il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jinformaw liċ-ċittadini Ewropej dwar l-implimentazzjoni ta' din id-direttiva u jagħmluhom iktar sensittivi għaliha. B'hekk, informazzjoni xierqa dwar il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' rispett tar-regoli fil-qasam tas-sigurtà tat-toroq jista' jkollha effett preventiv fil-qasam tal-ksur fit-toroq qabel it-trażmissjoni tas-sanzjoni.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

L-informazzjoni għas-sewwieqa hija element ċentrali mill-politika ta' sigurtà tat-toroq, li għandu jkollha rwol ta' prevenzjoni u ta' dissważjoni tal-ksur.

Emenda 8

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – punt d a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) "awtorità ċentrali"tfisser l-awtorità mqabbda biex tassisti lil Stat Membru fl-applikazzjoni ta' din id-direttiva;

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Hu neċessarju li fl-Artikolu 2 tkun definita awtorità ċentrali mqabbda biex tapplika d-direttiva, sabiex ikun hemm differnza bejn din u l-awtorità kompetenti.

Emenda 9

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2 a (ġdid)
	Linji gwida fil-qasam tas-sigurtà tat-toroq fi ħdan l-Unjoni
	1. Bl-għan li tinkiseb politika dwar is-sigurtà fit-toroq bl-objettiv li jkun hemm livell għoli ta' protezzjoni ta' l-utilizzaturi kollha tat-toroq fl-Unjoni u li tikkunsidra d-diversità tas-sitwazzjonijiet fi ħdan l-Unjoni, l-Istati Membri, bla preġudizzju taħll-politiki u l-leġiżlazzjonijiet iktar kontraenti, għandhom jimplimentaw politika tat-toroq li jkun fiha ċertu numru ta' karatteristiċi minimi fil-qasam tal-kontroll. Bl-għan li jitwettaq dan l-objettiv, il-Kummissjoni, megħjuna mill-kumitat imsemmi fl-Artikolu 8, għandha tadotta linji gwida b'konformità mal-proċedura ta' regolamentazzjoni b'kontroll imsemmija fl-Artikolu 8(3). Dawn il-linji gwida għandhom jirrispettaw il-linji gwida minimi ffissati fil-paragrafi li ġejjin.
	2. Fil-qasam tal-veloċità, l-użu ta' tagħmir awtonomiku ta' kontroll fl-awtostrada, fit-toroq sekondarji u fit-toroq urbani huwa mħeġġeġ b'mod iktar speċifiku f'ezzjonijiet tan-netwerk tat-toroq li jkollhom numru ta' inċidenti marbuta ma' l-eċċess tal-veloċità ogħla mill-medja.
	Ir-rakkomandazzjonijiet adottati fil-qafas ta' dawn il-linji gwida għandhom l-għan li l-Istati Membri jżidu n-numru ta' kontrolli tal-veloċità permezz ta' tagħmir awtomatiku b'50% u li dawn il-kontrolli

awtomatiċi jiżguraw kopertura ġeografika tajba tat-territorju kollu ta' kull wieħed mill-Istati Membri.

3. Fil-qasam tal-kontroll ta' l-alkoħol fid-demm, l-Isati Membri għandhom l-ewwel u qabel kollox jiżguraw li jkun hemm kontrolli tan-nifs fil-postijiet u fil-mumenti fejn in-nuqqas ta' osservanza jkun frekwenti u jżid ir-riskju ta' inċidenti.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li mill-inqas nofs is-sewwieqa jkunu ġew ikkontrollati fis-sena.

4. Fil-qasam ta' l-użu taċ-ċintorin tas-sikurezza għandhom jitwettqu operazzjonijiet ta' kontroll mill-Istati Membri skond il-livell ta' użu taċ-ċintorin tas-sikurezza, fuq il-bażi ta' dejta miġbura fil-qasam:

- għall-Istati Membri fejn il-livell ta' l-użu taċ-ċintorin tas-sikurezza jkun iktar minn 70% tal-popolazzjoni għandhom jitwettqu operazzjonijiet intensivi ta' kontroll mill-inqas erba' ġimgħat fis-sena;

- għall-Istati Membri fejn il-livell ta' l-użu taċ-ċintorin tas-sikurezza jkun inqas minn 70% tal-popolazzjoni għandhom jitwettqu operazzjonijiet intensivi ta' kontroll mill-inqas tminn ġimgħat fis-sena.

5. Fil-qasam tal-qbiż tad-dwal li jirregola t-traffiku, l-użu ta' tagħmir awtomatiku ta' kontroll għandhu jkun privileġġat għas-salib it-toroq fejn in-nuqqas ta' osservanza tar-regoli jkun frekwenti u fejn iseħħ numru ta' inċidenti ogħla mill-medja ta' l-inċidenti marbuta mal-qbiż tad-dwal li jirregola t-traffiku.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Il-prattiki fil-qasam tal-kontroll tas-sigurtà tat-toroq għandhom jiġu armonizzati bejn l-Istati Membri sabiex tinkiseb koordinazzjoni aħjar tal-politiki fil-qasam fil-livell Ewropew.

Emenda 10

Proposta għal direttiva
Artikolu 3(3)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra ma għandhomx jaħżnu l-informazzjoni mibgħuta mill-Istat tar-reat.	3. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra ma għandhomx jaħżnu l-informazzjoni mibgħuta mill-Istat tar-reat. ***L-iskambju ta' informazzjoni, f'dak li jikkonċerna l-ipproċessar tad-dejta ta' natura personali u l-moviment liberu tagħha, għandu jsir fir-rispett tad-Direttiva 95/46/KE.***

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Il-ħarsien tad-dejta personali għandu jiġi affermat mill-ġdid fit-test tad-direttiva sabiex jiġi garantit aħjar li l-iskambju ta' informazzjoni ma jipperikolax id-drittijiet taċ-ċittadini Ewropej iddefiniti fid-Direttiva 95/46/KE.

Emenda 11

Proposta għal direttiva
Artikolu 4(1)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-iskambju ta' informazzjoni deskritta fl-Artikolu 3 jsir b'mezz elettroniku. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li netwerk elettroniku ***Komunitarju*** msejjes fuq regoli komuni jitwaqqaf sa mhux aktar tard minn 12-il xahar wara d-data msemmija fl-Artikolu 9(1).	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-iskambju ta' informazzjoni deskritta fl-Artikolu 3 jsir b'mezz elettroniku. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li netwerk elettroniku ***Komunitarju*** msejjes fuq regoli komuni jitwaqqaf sa mhux aktar tard minn 12-il xahar wara d-data msemmija fl-Artikolu 9(1).

Or. fr

Ġustifikazzjoni

In-netwerk elettroniku inkarigat mill-iskambju ta' informazzjoni fil-qasam tas-sigurtà tat-toroq għandu jkun netwerk immexxi mill-Komunità Ewropea.

Emenda 12

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 (2), subinċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha tadotta regoli komuni dwar l-implimentazzjoni tal-paragrafu 1 sad-data msemmija fl-Artikolu 9(1), skond il-proċedura regolatorja pprovduta fl-Artikolu 8***(2)***.	2. Il-Kummissjoni għandha tadotta regoli komuni dwar l-implimentazzjoni tal-paragrafu 1 sad-data msemmija fl-Artikolu 9(1), skond il-proċedura regolatorja pprovduta fl-Artikolu 8***(3)***.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Ir-regoli komuni li jippermettu t-twaqqif u l-ġestjoni tan-netwerk elettroniku għandhom jiġu determinati skond il-proċedura ta' regolamentazzjoni bi skrutinju.

Emenda 13

Proposta għal direttiva
Artikolu 4(2), subinċiż 2 (b a) (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	b a) ir-regoli ta' sigurtà u ta' ħarsien tad-dejta ta' natura personali sabiex jiġi evitat li bażijiet tad-dejta oħra jkunu jistgħu jaċċedu għal din id-dejta.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Ir-regoli komuni għandhom ikunu stabbiliti fir-rispett ta' l-obbligi fil-qasam tas-sigurtà u l-ħarsien tad-dejta personali, sabiex jiġi evitat kwalunkwe użu tad-dejta għal skopijiet oħra minbarra dawk li għalihom tkun inġabret.

Emenda 14

Proposta għal direttiva
Artikolu 5(2)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. In-notifika ta' reat għandu jkun fiha deskrizzjoni tad-dettalji relevanti tar-reat ikkonċernat, l-ammont tal-penali finanzjarja li għandha titħallas mid-detentur, il-possibbiltajiet biex id-detentur jikkontesta r-raġunijiet għan-notifika ta' reat u jagħmel appell kontra deċiżjoni li timponi penali finanzjarja, u l-proċedura li għandha tiġi segwita fil-każ ta' kontestazzjoni jew appell.	2. In-notifika ta' reat għandu jkun fiha ***s-suġġett tan-notifika, l-ise ta' l-aetorità kompetenti għall-applikazzjoni tas-sanzjonijiet, l-isem ta' l-awtorità ċentrali inkarigata mill-applikazzjoni ta' din id-direttiva u*** deskrizzjoni tad-dettalji relevanti tar-reat ikkonċernat, l-ammont tal-penali finanzjarja li għandha titħallas mid-detentur, ***l-iktar proċeduri ta' ħlas aċċessibbli,*** il-possibbiltajiet biex id-detentur jikkontesta r-raġunijiet għan-notifika ta' reat u jagħmel appell kontra deċiżjoni li timponi penali finanzjarja, u l-proċedura li għandha tiġi segwita fil-każ ta' kontestazzjoni jew appell.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Il-kontenut tan-notifika għandu jkun kemm jista' jkun komplut sabiex id-detentur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni jingħata informazzjoni dwar ir-reat imwettaq, l-amministrazzjoni responsabbli u l-mezzi possibbli biex isir appell.

Emenda 15

Proposta għal direttiva
Artikolu 5(3)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. In-notifika ta' reat għandha tinforma lid-detentur li għandu jimla formola ta' tweġiba jekk ikun biħsiebu ma jħallasx il-multa.	3. In-notifika ta' reat għandha tinforma lid-detentur li għandu jimla formola ta' tweġiba jekk ikun biħsiebu ma jħallasx il-multa. ***F'każ ta' rifjut ta' ħlas, id-detentur jiġi infurmat fl-istess notifika li dan ir-rifjut jista' jiġi trażmess lill-awtorità ċentrali ta' l-Istat ta' residenza sabiex tiġi eżegwita d-deċiżjoni ta' sanzjoni.***

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tiggarantixxi l-effettività u s-segwitu tar-reati, billi tippermetti li ssir it-trażmissjoni tar-rifjut ta' ħlas, tkun xi tkun ir-raġuni, lill-awtorità ta' l-Istat ta' residenza tad-detentur.

Emenda 16

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 (3a) (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. In-notifika ta' reat tinforma lid-detentur li d-dejta tiegħu ta' natura personali se jiġu pproċessati fir-rispett tad-Direttiva 95/46/KE u tindika d-drittijiet tiegħu fil-qasam ta' l-aċċess, il-korrezzjoni u t-thassir hekk kif imniżżla fl-Artikolu 7.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Fin-notifika ta' reat li tiġi indirizzata lilu, għandha tidher referenza għad-drittijiet tad-detentur fil-qasam tal-ħarsien tad-dejta personali hekk kif iggarantiti mid-Direttiva 95/46/KE.

Emenda 17

Proposta għal direttiva
Artikolu 5(4)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. In-notifika ta’ reat għandha tiġi kkomunikata lid-detentur fl-ilsien jew fl-ilsna uffiċjali ta’ l-Istat tar-residenza, kif speċifikat minn dan l-Istat.	4. In-notifika ta’ reat għandha tiġi kkomunikata lid-detentur fl-ilsien jew fl-ilsna uffiċjali ta’ l-Istat tar-residenza, kif speċifikat ***minn*** dan l-Istat.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija purament formali u tikkostitwixxi żieda għat-titjib tal-kitba tal-proposta għal direttiva.

Emenda 18

Proposta għal direttiva
Artikolu 5(5)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni tista' tadatta l-mudell għan-notifika ta' reat biex tqis u tkopri l-iżviluppi tekniċi li jkunu saru. Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 8(3).	5. Il-Kummissjoni tista' tadatta l-mudell għan-notifika ta' reat biex tqis u tkopri l-iżviluppi tekniċi li jkunu saru. Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw elementi ***tekniċi*** mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 8(3).

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Il-modifiki li jsiru lill-mudell ta' notifika ta' reat mill-proċedura tal-komitoloġija għandhom ikunu ta' natura teknika u m'għandhom jimmodifikaw l-elementi li jippermettu titjib fl-informazzjoni lid-detentur, pereżempju fil-qasam tal-ħarsien tad-dejta personali.

Emenda 19

Proposta għal direttiva
Artikolu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 5a
	Segwitu tar-reati fit-toroq
	1. Fil-każ fejn il-penalità finanzjarja ma titħallasx u ntużaw il-proċeduri kollha għal każijiet ta' kontestazzjoni jew ta' appell, id-Deċiżjoni ta' qafas 2005/214/JHA għandha tapplika f'dak li jikkonċerna s-sanzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1 ta' din id-deċiżjoni ta' qafas.

2. Fl-istess każijiet ta' nuqqas ta' tweġiba msemmija fl-ewwel paragrafu, iżda li jkunu jikkonċernaw is-sanzjonijiet li ma jidħlux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' qafas 2005/214/JHA, l-Istat ta' reat għandu jittrażmetti d-deċiżjoni finali lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' residenza biex tiġi eżegwita s-sanzjoni.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tipprevedi li l-penalitajiet finanzjarji trażmessi lid-detentur, iżda li ma jiġux imħallsa minnu, jistgħu jiġu applikati kemm permezz tad-Deċiżjoni ta' qafas 2005/214/JHA, kif ukoll permezz tad-deċiżjoni finali ta' l-Istat ta' residenza tad-detentur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni.

Emenda 20

Proposta għal direttiva
Artikolu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 5b
	Rikonoxximent u eżekuzzjoni tas-sanzjonijiet
	1. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat ta' residenza għandhom jirrikonoxxu deċiżjoni li tkun ġiet trażmessa skond l-Artikolu 5a (2), mingħajr l-ebda formalità oħra u għandhom mingħajr dewmien jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex din tiġi eżegwita, filwaqt li jiġi ppreċiżat li l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni hija rregolata mil-liġi ta' l-Istat ta' residenza bl-istess mod bħal sanzjoni fi flus ta' l-Istat ta' residenza, ħlief jekk l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li tagħmel użu minn waħda mir-raġunijiet ta' non-rikonoxximent jew ta' non-eżekuzzjoni li ġejjin:
	a) id-dritt ta' l-Istat ta' residenza jipprevedi immunità li tagħmilha impossibbli li d-deċiżjoni tiġi eżegwita;

b) il-persuna kkonċernata ma ġietx infurmata dwar id-dritt tagħha li tagħmel appell u dwar id-data ta' skadenza sabiex tagħmel dan;

2. L-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' reat għandha tinforma immedjatament lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' residenza bi kwalunkwe deċiżjoni jew miżura li jkollha l-effett li d-deċiżjoni ma tiġix eżegwita. L-Istat ta' residenza għandu jtemm l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni malli jiġi infurmat mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' reat dwar din id-deċiżjoni jew miżura.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tipprevedi sistema ta' rikonoxximent u ta' applikazzjoni tas-sanzjonijiet f'każ fejn id-Deċiżjoni ta' qafas 2005/214/JHA ma tkunx applikabbli. L-applikazzjoni tas-sanzjoni tispetta lill-Istat ta' residenza tad-detentur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni.

Emenda 21

Proposta għal direttiva
Artikolu 5c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 5c
	Informazzjoni trażmessa mill-Istat ta' residenza
	L-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' residenza għandu jinforma mingħajr dewmien lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' reat permezz ta' kwalunkwe mezz li tipproduċi prova bil-miktub:
	a) tat-trażmissjoni tad-deċiżjoni lill-awtorità kompetenti;
	b) ta' kwalunkwe deċiżjoni li ma tiġix eżegwita deċiżjoni, flimkien mar-raġunijiet li jiġġustifikaw din id-deċiżjoni;

c) ta' l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni malli din tintemm.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tikkompleta s-sistema ta' rikonoxximent u ta' trażmissjoni tar-reati hekk kif definiti fl-emendi preċedenti, billi tipprevedi li l-Istat ta' residenza jinforma lill-Istat ta' reat dwar is-segwitu li jkun seħħ għad-deċiżjoni ta' sanzjoni, ikun xi jkun dan is-segwitu.

Emenda 22

Proposta għal direttiva
Artikolu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 7a
	Informazzjoni għas-sewwieqa Ewropej
	L-Istati Membri għandhom jieħdu d-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jagħtu informazzjoni biżżejjed lill-utenti tat-toroq dwar il-miżuri ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva. Din l-informazzjoni hija b'mod partikolari żgurata fil-fruntiera ta' kull Stat Membru.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Għandha tingħata informazzjoni mill-Istati Membri lis-sewwieqa Ewropej dwar l-applikazzjoni tad-direttiva f'każ ta' ksur transkonfinali. Din l-informazzjoni għandu jkollha rwol preventiv fil-qasam tas-sigurtà fit-toroq.

Emenda 23

Proposta għal direttiva
Kapitolu IV – Artikolu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 8a
	Evalwazzjoni u rapporti
	1. Sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-implimentazzjoni tagħha mill-Istati Membri.
	2. Fuq il-bażi ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tistudja l-possibilitajiet ta' estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva għal ksur ieħor fit-toroq, partikolarment għall-użu tat-telefons portabbli, għad-drogi u għas-sewqan mingħajr liċenzja.
	3. F'dan ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposti li jippermettu li jiġi armonizzat il-materjal ta' kontroll fuq il-bażi ta' kriterji Komunitarji u l-prattiki ta' kontroll fil-qasam tas-sigurtà fit-toroq.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni Ewropea għandha tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni u l-perspettivi ta' modifika tad-direttiva.

Emenda 24

Proposta għal direttiva
Anness - paġna 2 - subinċiż 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jekk ma tħallasx din il-penali finanzjarja, inti obbligat(a) li timla l-formola mehmuża	Jekk ma tħallasx din il-penali finanzjarja, inti obbligat(a) li timla l-formola mehmuża (paġna 4) u tibgħatha lill-indirizz indikat.

(paġna 4) u tibgħatha lill-indirizz indikat.	***Din il-formula tista' tintbagħat mill-[awtorità ċentrali ta' l-Istat ta' reat] lill-[awtorità ċentrali ta' l-Istat ta' residenza] għall-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni dwar is-sanzjoni***

Or. fr

Ġustifikazzjoni

L-anness għandu jiġi modifikat sabiex id-detentur taċ-ċertifikat ta' reat jiġi infurmat li r-rifjut tiegħu li jħallas jista' jiġi trażmess lill-awtoritajiet ta' l-Istat ta' residenza tiegħu, sabiex jingħata segwitu iktar xierqa lir-reat tiegħu u lid-deċiżjonijiet dwar is-sanzjoni.

Emenda 25

Proposta għal direttiva
Anness - paġna 2 - subinċiż 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	INFORMAZZJONI
	Il-każ se jiġi eżaminat mill-awtorità kompetenti fl-Istat fejn sar ir-reat.
	Jekk ma jingħatax segwitu għal dan il-każ, inti tiġi infurmat sa 60 jum mid-data tal-wasla tal-formola ta' tweġiba.
	Jekk jingħata segwitu għal dan il-każ, tapplika l-proċedura li ġejja:
	[dan l-ispazju għandu jimtela mill-Istat fejn sar ir-reat : il-proċedura li jmiss, flimkien ma' dettalji dwar il-possibbiltà u l-proċedura ta' appell kontra d-deċiżjoni li jingħata segwitu għall-każ. Dawn id-dettalji għandhom jinkludu f'kull każ: l-isem u l-indirizz ta' l-awtorità responsabbli għat-trattament tal-każ; l-iskadenza għall-ħlas tal-multa; l-isem u l-indirizz ta' l-organu ta' appell ikkonċernat; l-iskadenza għall-appell].

Or. fr

Ġustifikazzjoni

L-informazzjoni dwar id-drittijiet tad-detentur għandha titqiegħed sa mill-bidu tan-notifika ta' reat sabiex tkun tista' tingħata informazzjoni aħjar.

Emenda 26

Proposta għal direttiva
Anness - paġna 4 - l-aħħar subinċiż

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
INFORMAZZJONI	***imħassar***
Il-każ se jiġi eżaminat mill-awtorità kompetenti fl-Istat fejn sar ir-reat.	
Jekk ma jingħatax segwitu għal dan il-każ, inti tiġi infurmat sa 60 jum mid-data tal-wasla tal-formola ta' tweġiba. Jekk jingħata segwitu għal dan il-każ, tapplika l-proċedura li ġejja:	
[għandha timtela mill-Istat ta' ksur: il-proċedura li jmiss, flimkien ma' dettalji dwar il-possibbiltà u l-proċedura ta' appell kontra d-deċiżjoni li jingħata segwitu għall-każ. Dawn id-dettalji għandhom jinkludu f'kull każ: l-isem u l-indirizz ta' l-awtorità responsabbli għat-trattament tal-każ; l-iskadenza għall-ħlas tal-multa; l-isem u l-indirizz ta' l-organu ta' appell ikkonċernat; l-iskadenza għall-appell].	

Or. fr

Ġustifikazzjoni

L-istess ġustifikazzjoni bħall-emenda preċedenti.

EXPOSÉ DES MOTIFS

Un nouvel instrument juridique en vue de réduire de moitié le nombre de tués sur les routes européennes à l'horizon 2010

A l'occasion du Livre blanc sur la politique européenne des transports publié en 2001, l'Union européenne s'est fixé l'objectif ambitieux de réduire de moitié le nombre de tués sur les routes en 2010, objectif désormais applicable à l'ensemble des 27 Etats membres. A l'époque du Livre blanc, dans une Europe à 25, le nombre de tués s'élevait à 54 000 personnes[1]. Depuis, des progrès importants ont été effectués, une baisse tendancielle de ce nombre ayant pu être observée.

Ces progrès se sont cependant surtout produits lors de la première moitié de la décennie. En effet, depuis 2005, un ralentissement de la baisse du nombre de tués a pu être constaté. En 2007, dans l'Union européenne, plus de 40 000 personnes sont décédées, ce qui représente une baisse du nombre de morts sur les routes d'environ 20% sur l'ensemble de la période. Ce résultat reste grandement insuffisant au regard de l'objectif fixé pour 2010 qui nécessitaient sur la même période une baisse de 37%. Plus grave encore, en 2007 le nombre de tués n'a pas diminué.

Au cours de la même période, les études menées par la Commission européenne ont montré que la proportion de non-résidents impliqués dans les infractions routières est plus élevée que leur proportion dans le trafic routier national, notamment dans le domaine des excès de vitesse. Ce phénomène est en partie lié à la mobilité accrue au sein de l'Union européenne et à l'ouverture des frontières entre Etats membres.

Or, ces infractions commises sur le territoire d'autres Etats membres que celui de la résidence du conducteur sont le plus souvent suivies de sanctions sans effet. C'est notamment le cas pour les infractions enregistrées automatiquement, qui se sont multipliées avec l'installation massive de radars automatiques sur les routes européennes. Cette relative impunité est de nature à affaiblir les objectifs de sécurité routière, incitant les conducteurs à ne pas respecter les réglementations routières nationales en raison du sentiment d'être à l'abri des sanctions. Mais elle est également de nature à affaiblir la légitimité de ces contrôles aux yeux des citoyens européens, qui pourraient en contester le bien-fondé au nom d'une nécessaire égalité de traitement entre résidents et non-résidents.

C'est donc l'objet de la présente proposition que de répondre à cette double préoccupation après plusieurs initiatives lancées par la Commission, telle que la recommandation du 6 avril 2004 relative à l'application de la réglementation dans le domaine de la sécurité routière (2004/345/CE). Le Parlement européen, par la voix des membres de la commission des transports et du tourisme, a pour sa part demandé à plusieurs reprises qu'une législation dans le domaine de l'application transfrontalière des sanctions liées à la sécurité routière voit le jour.

[1] Source: **CARE (Base de données de l'UE sur les accidents de la route) ou publications nationales**

La proposition de directive de la Commission

La Commission cherche à faciliter l'exécution des sanctions à l'encontre des automobilistes ayant commis une infraction relative aux excès de vitesse, à la conduite en état d'ivresse, au non-port de la ceinture ou encore au franchissement d'un feu rouge dans un autre Etat membre que le leur. La Commission a délibérément choisi de limiter le champ d'application de la directive, qui constitue une nouvelle approche en matière de politique de sécurité routière européenne, aux quatre infractions (article 1) les plus coûteuses en vies humaines au niveau de l'Union européenne. Celles-ci ont en outre en commun d'être toutes considérées comme des infractions dans les 27 Etats Membres de l'Union européenne.

La proposition vise à mettre en place une procédure d'échange d'informations entre Etats membres (article 3) par le biais d'un réseau d'échange de données électroniques (article 4) permettant d'identifier le véhicule ayant commis une infraction. Suite à cette identification, une notification d'infraction est envoyée par l'administration de l'Etat où a été commise l'infraction au titulaire du certificat d'immatriculation (article 5), qui l'informe des détails de l'infraction, du montant de la pénalité financière dont il doit s'acquitter, des procédures de paiement - ces procédures doivent faciliter autant que possible les transactions bancaires transfrontières - ainsi que des voies de recours.

Le suivi de la sanction, quant à lui, constitue une deuxième phase du traitement de l'infraction assurée par la décision cadre 2005/214/JHA du Conseil **concernant l'application du principe de reconnaissance mutuelle aux sanctions pécuniaires.**

La proposition de directive prévoit en outre des garanties sur la protection des données personnelles (article 7), renvoyant à la directive 95/46/CE du Parlement européen et du Conseil du 24 octobre 1995 relative à la protection des personnes physiques à l'égard du traitement des données à caractère personnel et à la libre circulation de ces données. Enfin, la proposition introduit des mesures de comitologie (article 8) concernant la définition de règles communes pour la mise en œuvre du réseau électronique ou l'adaptation du modèle de notification d'infraction.

La position du rapporteur sur la proposition de la Commission

Le rapporteur partage les objectifs de la Commission européenne en matière de sécurité routière et considère que l'approche retenue est la bonne afin de réduire le nombre d'infractions sur les routes européennes. Je soutiens notamment la priorité mise par la Commission européenne sur les quatre infractions visées à l'article premier de la proposition de directive, afin de mettre l'accent sur les infractions relatives à la sécurité routière les plus meurtrières. Toutefois, plusieurs points méritent d'être traités en vue d'obtenir des améliorations ou de pallier certaines lacunes de la proposition.

1) Sur le suivi des infractions, il m'a semblé important de rappeler que celui-ci doit se faire, autant que possible, par le biais de la décision-cadre 2005/214/JHA. Cependant, en vue de tenir compte des spécificités juridiques nationales en matière de décision de sanctions routières, j'ai tenu à ce qu'outre la référence à la décision-cadre, des garanties d'exécution soient apportées dans les cas où cette dernière n'est pas applicable. En effet, certains Etats membres de l'Union européenne n'ont pas un système de sanction basé sur des infractions

relevant de l'ordre pénal, mais de l'ordre administratif. C'est afin de tenir compte de ces particularités que j'ai proposé un ajout permettant la transmission et le suivi des décisions de sanction aux autorités de l'Etat de résidence de la personne ayant commis l'infraction.

2) Sur les pratiques de contrôle de sécurité routière, j'ai souhaité que les Etats membres renforcent ceux-ci en établissant des critères minimaux comparables par le biais de lignes directrices.

3) Sur la protection des données personnelles, j'ai repris un certain nombre de préoccupations du Contrôleur européen de la protection des données (CEPD) émises dans son avis en date du 8 mai 2008. Les propositions faites permettent ainsi d'encadrer les mesures techniques prises en comitologie sur la gestion du réseau électronique d'échange de données et de garantir dans le corps de la directive et dans la notification d'infraction présentée en annexe un certain nombre de droits fournis par la directive 95/45/CE.

4) Information des conducteurs européens: les conducteurs européens doivent être informés de la mise en œuvre de cette directive, notamment lors de leur passage d'un Etat membre à un autre.

5) Rapport et évaluation de la directive: je propose d'insérer dans la directive une obligation pour la Commission européenne de faire un rapport, deux ans après l'entrée en vigueur de la directive, sur sa mise en œuvre et sur les expériences collectées à la suite de cette évaluation. Sur la base de ce rapport, la Commission devra faire des propositions de modification de la directive, notamment concernant l'efficacité de sa mise en œuvre, son champ d'application, les pratiques de contrôle et la standardisation des équipements de contrôle.